MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 22/2013

**Emanuel Baldacchino
ID 534043 (M)**

**vs**

**Mario Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut Mario Sant ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija sitta u hamsin ewro (€356) rapprezentanti l-ammont dovut minnu ghall-kiri ta' stalla u ghall-akkwist tal-gwiez minghand ir-rikorrent;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat mill-attur ghal diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti ghall-hlas ta' dan l-ammont ta' tlett mija sitta u hamsin ewro (€356)
Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma

dovuta lilu ta' tlett mija sitta u hamsin ewro (€356), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kollha dovuti mid-data minn meta l-ammont sar dovut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija sitta u hamsin ewro (€356), bl-imghax mill-prezentata tal-Avviz tat-Talba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------